

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/154**tat-3 ta' Frar 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħtom jistgħu jkomplu jiġu ffriżati l-fondi ta' persuna mejta.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/72/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, fil-każ tal-mewt ta' persuna elenkata fl-Anness:

- (a) meta tkun ingħatat kundanna kriminali għal miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati sakemm l-ordnijiet tal-qorti għall-irkupru tal-fondi tal-Istat miżapproprjati u l-ħlas ta' multi jkunu ġew eżegwiti;
- (b) meta ma tkun ingħatat l-ebda kundanna kriminali bħal din kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati għal perijodu ta' żmien raġonevoli, soġġett għall-paragrafu 4. Jekk azzjoni ċivili jew amministrattiva għall-irkupru ta' fondi tal-Istat miżapproprjati titressaq f'dak il-perijodu, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom jibqgħu ffriżati sakemm tali azzjoni tiġi miċħuda jew, jekk tintlaqa', sakemm tiġi eżegwita l-ordni tal-qorti għall-irkupru tal-fondi miżapproprjati.

2b. Il-Kunsill għandu jemenda l-lista fl-Anness kif meħtieġ ladarba jstabbilixxi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2a għaż-żamma tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lill-persuna mejta jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha m'għadhomx jiġu ssodisfati."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62).

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN
